**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1971/2018**

**Galaxy Limited**

**vs**

**Direttur Generali tad-Dipartiment tad-Dwana**

**Illum, 5 ta' Jannar, 2019**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors promotur (Mandat ta' Inibizzjoni) prezentat fil-5 ta' Dicembru 2018 fejn gie mitlub illi l-intimati jiġu inibiti milli jikkonkludu u jiffirmaw kuntratt mas-soċjeta Opec Security Ltd relattivament għas (1) *"Supply, Implementation and Management of a Digital Tax Stamp Solution for use on Tabacco Products, Alcoholic Beverages, Wine, Beer and any other excisable commodity;"* (2) "*ID issuer*."

Rat id-digriet tagħha datat 5 ta' Diċembru, 2018 fejn din it-talba ġit milqugha b'mod proviżorju.

Rat ir-risposta għall-istess talba presentata mill-intimat Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tad-Dwana.

**Qieset u Ikkunsidrat;**

Illi bla tlaqliq din il-Qorti a priori tiddikjara li ġia fuq element wieħed kostitwenti tal-mandat ta' inibizzjoni din it-talba għandha tfalli.

L-intimat imsemmi elenka ben sew l-elementi meħtieġa ghas-suċċess tat-talba in eżami. Fost l-oħrajn u kardinalment huwa miżmum illi mandat ta' inibizzjoni huwa ntiż biss biex iżomm milli jedd pretiż jiġi kalpestat b'mod irrimedjabbli. Dan isegwi illi dak mitlub li jiġi miżmum milli jseħħ *sine qua non* irid ikun għadu filfatt ma seħħx. Filfatt mandat ta' inibizzjoni m'għandux effett retroattiv u ma jistax jintuża bħala għodda biex il-fatt allegatament sinistru jiġi mressaq lura jew xolt.

Kif jirriżulta mir-risposta ta' l-intimat il-kuntratt li għalih tressaq l-iment is-soċjeta rikorrenti laħaq ġie konkluż ġia fit-13 ta' Novembru, 2018. Ġia qabel id-digriet fejn it-talba odjerna ntlaqgħet b'mod proviżorju.

Konsegwentament it-talba qed tiġi miċħuda.

**Onor. Miriam Hayman, LL.D.**
**Imhallef**